**7 ta' Mejju, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - A/President**

Emanuel Grima

*versus*

Martin Borg

**Danni - Inċident Awtomobilistiku**

*Konfermata sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn ġew miċhuda t-talbiet attriċi f'kawża dwar inċident stradali.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Frar, 1997, li taqra kif ġej:

"Rat it-talba għall-kundanna tal-konvenut biex:

Tithallas lill-attur *is-somma ta' mija u erbatx-il lira Maltija (Lm114) jew ammont verjuri bħala danni li huwa* kkaġunalu in segwitu għall-inċident awtomobilistiku, li ġara fi Triq Ignazio Saverio, Birkirkara, fit-22 ta' Novembru, 1994, meta, waqt li kien qiegħed isuq vettura nru. H-0794, ħabat malvettura nru. Y-2091, proprjetà ta' *l-attur, u li kienet misjuqa* minn Wayne Grima, prevja d-dikjarazzjoni *li* għal dan l-inċident huwa kien unikament responsabbli minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-20 ta' Ġunju, 1995, dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Frar, 1996 u dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment ma' dan l-att għan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proċeduri u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra *uffiċjali tad-19 ta' Frar, 1996, kontra l-konvenut li huwa* nġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati kemm fil-fatt u kemm

fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante li għall-inċident *de quo* kien unikament responsabbli ix-xufier Wayne Grima li kien qed isuq il-vettura ta' l-attur stante imperizja, negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti *l-oħra tal-kawża u d-dokumenti esebiti;*

Semgħet il-provi;

Ikkunsidrat illi:

Dwar l-inċident in kwistjoni għandha versjoni kontrastanti mogħtija mis-sewwieqa tal-vetturi nvoluti fil-kolliżjoni;

Il-konvenut xehed li kien qed isuq trakk tar-*readymix* meta ra *minibus* ġejja fid-direzzjoni tiegħu u waqaf peress li ma setgħux jgħaddu t-tnejn. Tal-*minibus* ipprova jitla' l-bankina però bir-roti ta' wara ma telgħax, filwaqt li minn quddiem tela' u reġa' ġie lura u ħabat ma' l-iskorfini tar-rota ta' quddiem tat-trakk. *Il-konvenut insista li mal-ħabta hu kien wieqaf u kien* wieqaf minn qabel ma wasal ħdejh tal-*minibus*;

Wayne Grima, li kien qed isuq il-*minibus* ta' missieru, l-attur, qal li ra t-trakk tar-*readymix* ġej u hu pparkjalu mal-ġenb filwaqt li t-trakk baqa' ġej u għalkemm Grima għamel sinjal lill-konvenut *li* mhux se jgħaddi, *il*-konvenut qal*lu li* se jgħaddi u *kif* beda jsuq qabdu mill-bolt tar-rota u ċarratlu l-*mudguard* u s-*side*. Skond Grima, il-konvenut aċċetta t-tort;

Il-versjonijiet mogħtija mis-sewwieqa f'dawn il-proċeduri

jaqblu mal-versjonijiet mogħtija lill-pulizija, kif jirriżulta mill-okkorrenza relattiva, b'dan li ma jirriżultax mill-istess okkorrenza *li l-konvenut b'xi mod ammetta t-tort u lanqas li* Grima allega li l-konvenut kien aċċetta t-tort kif issa qiegħed jgħid. Min jallega jrid jipprova. L-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenut ikkawża l-inċident minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti. Meta wieħed jikkunsidra l-versjonijiet mogħtija m'hemmx dubbju li kemm waħda kif ukoll l-oħra tkun il-versjoni t-tajba. Min-naħa tal-konvenut hemm il-kobor tal-vettura li kien qed isuq li ċertament għandha ġġiegħlu jagħti attenzjoni ferm akbar biex jikkalkula li jkun jista' jgħaddi mit-triq bla ħsara għal ħaddieħor. Mill-banda l-oħra l-presenza ta' rampi *fit-triq fejn ġrat il-ħabta u li huma ndikati fl-iskizz* tal-Pulizija, kif ukoll l-angolatura tal-*minibus* li ukoll tirriżulta mill-iskizz jikkorroboraw il-versjoni tal-konvenut;

Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ma rnexxilux jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu;

Għal *dawn il-motivi;*

Tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi. Bl-ispejjeż kontra l-attur";

Minn din is-sentenza appella l-attur li talab ir-revoka tagħha:

In sostenn ta' l-appell tiegħu huwa jissottometti li, kif jirriżulta mill-iskizz u mix-xhieda taż-żewġ partijiet, il-konvenut kien qed isuq fuq il-mogħdija ta' barra tat-triq. L-artikolu 55 tal-*Highway Code* (Edizzjoni Riveduta) jgħid: "*Keep well to the left*". Skond l-appellant jirriżulta ukoll li fuq il-mogħdija ta' ġewwa kien hemm vettura pparkjata, però, ma

tista' ssir ebda deroga mill-prinċipju kardinali li taħt l-ebda ċirkostanza sewwieq m'għandu jinvadi l-karreġġjata ta' barra riservata għal *overtaking* sakemm is-sewwieq ma jkunx assolutament ċert li ma jkun ġej l-ebda traffiku. Is-sewwieq li *jinvadi dik il-parti tat-triq li mhix tiegħu, jagħmel hekk għar*riskju tiegħu u għandu jassikura li t-triq tkun u tibqa' tiegħu minn mindu joħroġ mill-karreġġjata tiegħu sakemm jidħol fiha. L-appellant jissottometti ukoll li huwa xehed li meta ra lill-konvenut ġej, hu pparkjalu mal-ġenb u li hu kien għamel sinjal *lill-konvenut li ma kienx ser jgħaddi*;

Li essenzjalment, apparti s-sottomissjonijiet tal-partijiet, jiġi ssenjalat mill-ewwel, li din il-Qorti hija, sa ċertu grad rilevanti, marbuta ma' l-apprezzament tal-provi li jkun sar fi prim'istanza mill-Qorti li tkun semgħet ix-xhieda. Issa, l-bażi tas-sentenza appellata huwa fis-sens illi, fil-fehma ta' l-Ewwel Qorti, meta wieħed jikkunsidra l-versjonijiet mogħtija, m'hemmx dubbju li kull waħda mill-versjonijiet hija verosimili, u f'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, ma setax jingħad li l-attur ipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Mill-banda l-oħra tidher ċara t-tendenza ta' l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li tagħti aktar kredibilità fuq bażi ta' provi ċirkostanzjali lit-teżi tal-konvenut;

*F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa ovvju li l-appell ta' l-attur ma* jistax jintlaqa' għaliex mhuwiex ibbażat fuq ebda konsiderazzjoni partikolari li a bażi tagħha din il-Qorti tista' tieħu l-inizjattiva li tvarja d-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel waħda;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi respint u s-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellant.

---